TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/174/15/S

Amanda Gatt Roberts
Vs
Giuseppe Ottaviano

Illum 17 ta'Novembru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Amanda Gatt Roberts ipprezentata fit-23 ta'Settembru,2015 u r-risposta ta' Giuseppe Ottaviano pprezentata fl-14 t'Ottubru,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u l-avukat tal-intimat;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda bejgh ta'madum li rrizulta li uhud minnhom kienu difettuzi filwaqt li l-intimat ikkontenda li r-rikorrenti ghazlet hi stess il-madum 'seconds' u li l-problema inqalghet xhur wara l-bejgh, minhabba li dak li pogga l-madum, qeghdu fin-nofs;

Illi t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 73 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u r-rimedju mitlub hu dak li johrog mill-artikolu 76 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi min-naha l-ohra r-rikorrenti naqset li tipprova li hija mxiet fuq dak stabbilit mill-artikolu 79(1) u 79(2) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi jinghad mal-ewwel li skont ir-rikorrenti, l-intimat qatt ma qalilha li l-madum hu 'seconds' u li jista' jkollu xi difetti;

Illi min-naha l-ohra l-prezz baxx ta' 10 ewros-il metru seta' jitfa' dawl fuq dak li qed jigi mibjugh u konsegwentement jigi ccekkjat iktar bir-reqqa;

Illi jidher li l-madum ma giex iccekkjat la mir-rikorrenti u lanqas minn min poggieh ghax il-problema feggghet meta l-madum kollu kien twahhal;

Illi l-problema hi li l-kulur f'certi madum ivarja u din tigri ta'spiss f'dan il-materjal;

Illi dan pero ma jezonerax lil min ibiegh li jipprovdi dak miftiehem u tal-kwalita miftehma;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti hi wahda esagerata u t-trapass taz-zmien meta ghamlet l-ewwel ilment jimmilita kontra taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' limitatament it-talba ta' Amanda Gatt Roberts filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Giuseppe Ottaviano u Jordna lil Giuseppe Ottaviano biex ihallas lil Amanda Gatt Roberts is-somma ta' €250 stabbilita *ex aequo et bono,* b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru